## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 28 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 28/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Gimgha, 20 t' April, 2012 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku Marsa |
| Il-Perit Edric Micallef | Sindku M'Xlokk |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**

Sindku Birgu
Sindku Zejtun
Rapprezentant tal-Floriana
Sindku M'Scala
Sindku Xghajra

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

Hekk kif bdiet il-laqgha, il-President u s-Segretarju Ezekuttiv laqghu u ferhu lis-Sindki l-godda - dawk ta' l-Isla, tal-Marsa, ta' Marsaxlokk u ta' Paola u gew awgurati hidma fejjieda u ta' success. Il-President gharrafhom li wiehed mill-iskopijiet tar-Regjun hu li jikkwalifika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Tenna li l-LES, fil-prezent, mhiex sistema li trendi mid-dhul tal-kontravenzjonijiet.

## 28.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 27/2012 mizmuma fid-29 ta' Marzu 2012 ma kienux ġew iċċirkolati minn qabel minhabba l-iskeda impenjattiva tal-President, inqraw dan il-hin. Il-President staqsa jekk kienx hemm xi korrezzjonijiet, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**28.2** **Punti Mqajjma**

28.2.1 **LES**

28.2.1.1 **Tender Warden Services**

Peress li l-President kellu skeda impjenjattiva hafna ma setghetx issir laqgha ohra ta' agudikazzjoni fil-frattemp. Pero hemm laqgha skedata il-Gimgha, 27 t' April 2012 fejn hu mistenni li jigi finalizzat dan il-process.

Il-President semma li membru tal-Bord ta' Agudikazzjoni talab hlas ghas-servizz tieghu u li jekk ma jithallasx mhux ser jiffirma r-rapport finali. Diga saret indagini dwar hlas lill-membri ta' bords izda irrizulta li dawn ma jithallsux. Pero' wara din it-talba, wiehed irid jikkonsidra li dan il-bord iltaqgha mill-inqas 17-il darba u jkun gust li jkun hemm kumpens. Is-Segtretarju Ezekuttiv ghandha terga' tindaga fuq din it-talba.

Tender Warden Services

28.2.1.2 **CCTV Camera fil-Fgura**

Din il-kamera fl-ahhar bdiet topera u l-hlas li kien mitlub ghas-servizz tal-connectivity qed jigi negozjat sabiex dan jigi revokat ghaz-zmien li kienet mhux qed topera.

Fgura CCTV

28.2.1.3 **Haddiema tat-Tribunali**

L-ahhar korrispondenza li saret fuq dawn il-haddiema mir-Regjun kienet indirizzata direttament lid-Direttur is-Sur Carm Abela. Ir-Regjun ghadu qieghed jistenna lid-Dipartiment jawtorizzah biex il-haddiema li kien hemm fit-Tribunali jigu integrati mieghu. Dawn il-haddiema ghadhom qed jithallsu ghas-servizz taghhom skond kif kien gie ordnat mid-Direttur (DLG) fi Frar 2012.

Haddiema tat-Tribunali

Tribunali

28.2.1.4 **Konformita' fix-xoghol bejn it-Tribunali**

Dalghodu saret laqgha ghand Datarak ghall-haddiema tat-Tribunali tar-Regjuni kollha sabiex tibda tithaddem sistema li fejn kemm jista jkun ikun hemm konformita' bejn it-Tribunali kollha. Mir-Regjun Xlokk haddiem wiehed biss m' attendiex.

28.2.1.5 **Tender Authorised Officer Services**

Il-Kumitat ta' agudikazzjoni ta' dan it-Tender ghandhom jiltaqghu biex jibdew l-agudikazzjoni nhar it-Tnejn, 23 t' April 2012.

AO Tender

28.2.1.6 **Servizz ta' Wardens il-Belt Valletta**

Wara li s-Segretarju Ezekuttiv prezentat e-mail mibghuta mis-Sindku tal-Belt fl-20 ta' Marzu 2012 fejn kien issemma li regolarment mhux ikun sodisfatt bis-servizz tal-Wardens li qed jinghata, giet infurmata mill-Authorised Officer responsabbli ghall-Belt Valletta li issa hemm tlett Wardens.

Ilment dwar Wardens fil-Belt Valletta

28.2.2 **Logo ghar-Regjun**

Din il-gimgha is-Segretarju Esekuttiv giet ikuntatjata mid-Dipartment sabiex tiffirma id-dokument li juri l-logo propost. Gara li l-espert eraldiku mqabbad mid-Dipartiment kien talab lis- Segretarju Esekuttiv biex teholdu d-dokumenti ghandu personalment iz-Zejtun. Dan ma riedx jiffirmah dak il-hin ghax reggha ma qabilx mal-logo li ghazel ir-Regjun; talabha li thallihomlu u minflok li reggha ghaddiehomla, hadhom id-Dipartiment mhux iffirmati. Ufficcjal mid-Dipartiment enfasizzat li Segretarju Esekuttiv kellha minnufih tmur id-Dipartment biex tiffirma. L-espert eraldiku qatt ma kien reggha ikkomunika mas- Segretarju Esekuttiv u hadhom hu minn jeddu d-Dipartiment u ma nfurmax lir-Regjun.

Dawk kollha prezenti tennew unanimament li l-logo tar-Regjun ghandu jkun dak

Logo

imhejji mis-Sur Anthony Degiovanni.

28.2.3 **Rapport Amministrattiv**

Waqt li kien pjanat li l-Laqgha Amministrattiva tar-Regjun issir fil-31 ta' Mejju 2012, is-Sindku tal-Kalkara osserva li din inzertat gimgha impenjattiva ghas-Sindki u l-Kunsilliera kollha. Gie ssugerit ghalhekk li din issir aktar tard f' Gunju u li tinzamm is-Sibt biex l-attendenza tkuna ahjar. Dawk kollha prezenti qabblu unanimament.

Rapport Amministrattiv

28.2.4 **I-KIDS Summer 2012 Project**

Il-feedback minghand il-Kunsilli kien fqir hafna tant li hames Kunsilli biss irrispondew. Pero tnejn biss qabblu li jippartecipaw. Jidher ghalhekk li r-Regjun mhux lest li jippartecipa f' dan il-progett.

Ta min jinnota li din il-kumpanija offriet l-istess progett separatament lill-Kunsilli Lokali kollha, kif ukoll fid-djar permezz ta' flyers.

Progett I-KIDS

## 28.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

28.3.1 **Hlasijiet**

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

Hlasijiet

28.3.2 **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Id-Direttur, f' komunikazzjoni tal-5 t' April 2012, gharraf lir-Regjun li t-talba li ghamel dwar self biex jirkupra temporanjament mis-sitwazzjoni finanzjarja prezenti, kienet ser tigi diskussa waqt management meeting li kien imiss ma' l-ufficjal responsabbli mill-Finanzi.

Sitwazzjoni Finanzjarja

28.3.3 Dawk prezenti regghu gew infurmati li minn dan ix-xahar, kif kien imhabbar fil-Laqgha Amministrattiva tas-17 ta' Frar 2012, Sterling Security ser tgholli r-rata tas-servizz tal-Gwardjani Lokali wara Ftehim Kolletiv u zidiet fl-ispejjez kapitali u kurrenti b' effett mill-1 t' April 2012 b' €2 eskluz il-VAT fis-siegha.

Gholi fit-tariffi Fis-Servizz tal-Wardens

28.3.4 **Monitor ghat-Tribunal tal-Fgura**

Saret talba mit-Tribunal tal-Fgura biex jinxtara monitor minnufih ghax li kien hemm tant kellu hsara li ma' kienx vallapena li jissewwa.

Minhabba l-urgenza ma saritx pubblikazzjoni ghall-kwotazzjonijiet izda gew migbura u prezentati 3 kwotazzjonijiet.

Wahda ta' MEK Cimputers bil-prezz ta € 125 (18.5") u sentejn garanzija

Ohra ta'Style Computer Services bil-prezz ta € 123.90 (18.09")

Ohra minghand Scan Computer Store bil-prezz ta € 121.99 (20") u tlett snin garanzija.

Dawn il-kwotazzjonijiet gew kunsidrati minn dawk prezenti li qabblu unanimament li ghandu jinxtara dak offrut minn Scan peress li ghandu 3 snin garanzija.

Monitor Tribunal tal-Fgura

28.3.5 **Ufficcju Regjonali**

Gie propost li bi thejjija li r-Regjun imur fl-Ufficju tieghu, ghandha tohrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal kiri ta' tlett photocopiers/printers/fax; u, xiri ta' laptop; komputer; settijiet tat-telefon; hall port; u, 2 executive desks; u 3 siggijiet ghaddatati; mejda tal-konferenzi ghal 16-il persuna; 20 siggu; u tlett cupboards; fridge zghira, microwave oven, toaster, kitla ta' l-eletriku u dispenser tal-ilma; kif ukoll ghall-stationery. Dawk kollha prezenti qabblu unanimamnet ma' din il-proposta.

Ufficcju Regjonali Kwotazzjonijiet

## 28.4 Affarijiet Ohra

**28.4.1 Customer Care**

LES Ilmenti

Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet kif qed jizdiedu l-ilmenti partikolarment fir-rigward ta' informazzjoni dwar kontravenzjonijiet u seduti tat-Tribunal tal-Belt minhabba li pubbliku mhux qed jigi moqdi sew minn xi Kunsilli Lokali tar-Regjun, tant li xi nies gew infurmati biex jirrikorru personalment biex jilmentaw u / jew jintalbu direzzjoni ghand is-Segretarju Ezekuttiv.
Qieghed ikun hemm numru sostanzjali ta' lmenti mill-pubbliku dwar il-fatt li jircievu multa mit-Tribunali peress li ma jkunx deheru meta la jkunu sabu t-tahrika mwahhla mal-karozza u wisq izjed notikfika biex huma jidhru quddiem xi Tribunal Lokali. Dan gie diskuss ma' ufficjali ta' Datatrak dalghodu u ghandhom jintbaghatu d-dettalji relattivi biex jigi investigat inizjalment hemmx xi pattern partikolari ta' min qed jimposta d-dokumenti relattivi.

**28.4.2 Kaxxiera tat-Tribunali**

Kaxxiera Tribunali Lokali

Ricenti qed ikun hemm diffikulta dwar kaxxiera fit-Tribunali tal-Fgura u taz-Zejtun.
L-Ufficjali tat-Tribunal tal-Fgura qed isibuha difficli biex ilahqu max-xoghol waqt is-seduti partikolarment waqt li jsir il-hlas tal-multi. F' dan l-istadju ir-Regjun mhux f' pozizzjoni li jimpjega kaxxier fid-dawl tas-sitwazzjoni pendenti tal-haddiema tat-Tribunali. Fit-Tribunal taz-Zejtun, peress li issa skrivana qed taghmel ix-xoghol ta' rikonciljazzjoni tal-LES, ikolla titlaq minn idejha biex tkun kaxxiera fl-istess hin, b' konsegwenza li tmur lura fir-rikoncilljazzjoni.

**28.4.3 Kopji ta' tenders / ftehim milhuqa mal-Kumitati Kongunti**

Kopji ta' Ftehim/Tenders

Sal-lum is-Segretarju Ezekuttiv ghada tistenna li jghaddulha kopji ta' kull ftehim li setghu lahqu il-Kumitati Kongunti tar-Regjun.
Ta' min jinnota li intbghatu diversi e-mails u reminders fuq din ir-rikjesta.
Dawk prezenti unanimamanet qabblu li mill-Laqgha Amministrattiva li jmiss ma jsirx il-hlas fejn jirrizulta li kopji tat-Tender u/jew ftehim ma jkunux gew mghoddija lis-Segretarju Ezekuttiv sa l-4 ta' Mejju 2012.
Qed jirrizulta li hemm kazijiet ta' mismanagement. Pero' fejn ser ikun hemm kazi aktar serji, dawk prezenti unanimament qabblu li jkun infurmat l-Awditur Generali.

**28.4.4 ECO Wardens**

Memo 9/2012

Il-President semma kif bhalissa difficli li tapplika l-ligi dwar it-Tipjip fil-playgrounds peress li r-Regjun ghad m' ghandux ECO Wardens, pero' ghandu jsir exercizzju biex isir mgharuf jekk il-Kunsilli Lokali wahhlux it-tabelli kif rikjesti fil-Memo 9/2012. Hemm bzonn li r-Regjun jara x' jista' jsir dwar l-introduzzjoni tal-ECO Wardens.

**28.4.5 Wardens fil-Marsa**

Servizz ta' Wardens Marsa

Wara li kienet saret talba mill-eks Sindku tal-Marsa, gie ssugerit li jsir *review* sabiex dan is-servizz jerggha jigi introdott. Wiehed irid iqis li f' kull lokalita' tista tghid ikun hemm xoghol fit-toroq u xorta jkollhom servizz tal-Wardens,

**28.4.6 DATATRACK**

Ftehim ma' Datatrak

Ir-Regjun ghad ghandu arretrati ma' Datatrak kif ghandu ma' service providers ohra. Dawk prezenti qabblu pero li ma' Datatrak ghandu jigi formolat ftehim gdid li jirrifletti ir-rejalta tad-delagazzjoni tal-LES favur ir-Regjun li beda mill-1 ta' Settembru 2011 u m' ghandux jassorbi l-ftehim in toto li kien hemm mal-Kumitati Kongunti.

Ricerka fuq Kontravenzjonijiet

Gie diskuss ukoll li l-quddiem titqabbad persuna li tanalizza u taghmel ricerka dwar il-kontravenzjonijiet li johorgu favur ir-Regjun. Qed ikun hemm numru sostanzzjali

ta' kontravenzjoniijiet li jistghu ma jithallsux minhabba sistemi li qed jigu uzati.

## 28.5 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00 pm.  Fuq talba ta' dawk prezenti, il-Laqghat ser jibdew jinzammu fis-6.00pm.
Ghalhekk, il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm l-Erbgha, 23 ta' Mejju 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum _______________, _______ ta'__________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar)